MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 812/1995/2

**Francis Fenech**

**Vs**

**Norman Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-12 ta’ Gunju 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut inkariga lill-attur jahdimlu xoghol ta’ gebel u konkos f' xoghol ta’ alterazzjonijiet li saru f’ post f’ Attard propjeta` tal-konvenut;

Premess illi l-attur lesta dan ix-xoghol u hargu zewg kontijiet - Numri 1, u 2 hawn annessi tas-16 ta’ Settembru 1992, u 6 ta' Mejju 1994 rispettivament wiehed ghal

Lm2694.91,0 u l-iehor ghal Lm4906.53,0; Dok K1 u K2 annessi;

Premess illi l-konvenut hallas l-ewwel kont; izda rrifjuta li jhallas it-tieni kont, allegatament ghax ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti, izda naqas li jaghti dettalji precizi ta' dina l-allegazzjoni meta gie hekk mitlub bla pregudizzju mill-attur b' ittra tat-18 ta' Ottubru 1994; Dok F1 annessa ma' l-att tac-citazzjoni;

Premess illi l-konvenut baqa` inadempjenti nonostante varji interpellazzjonijiet fosthom ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1994; Dok F2 annessa ma' l-att tac-citazzjoni;

Talab ghalhekk l-attur lil din il-Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' Lm4906.53 (erbat elef disa' mija u sitt liri Maltin tlieta u hamsin centezmu) bilanc minn somma aktar prezz ta' xoghol ta' gebel u konkos f' xoghol ta' alterazzjonijiet li l-attur hadem fuq inkarigu u interess tal-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji ta' Qbid, Impediment u Sekwestru ipprezentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Settembru 1994;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut intavolata fis-26 ta' Marzu, 1996, li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-Art. 2148 (a) tal-Kodici Civili, stante illi kif jirrizulta mill-kopja tal-kont anness Dok. NS 1, l-ahhar xoghol twettaq f' Jannar ta' l-1993, mentri l-ittra ufficjali giet ipprezentata fit-23 ta' Settembru, 1994;

2. Minghajr pregudizzju, fil-mertu l-ammont pretiz m' huwiex dovut stante illi x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx esegwit skond id-dettami li titlob is-sengha u l-arti, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tant illi l-konvenut odjern istitwixxa procedura ghad-danni kontra l-attur odjern Citazzjoni Numru 1057/95 FD;

3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-ammont mitlub huwa eccessiv, partikolarment il-ghaliex sittin fil-mija ta' dak mitlub huwa dak li allegatament swew il-haddiema lill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati kif ukoll l-lista tad-dokumenti annessi;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju AIC Michael A. Refalo sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-13 ta' Gunju 1997 li bih gie sostitwit l-imsemmi perit fl-inkarigu lilu moghti bil-perit AIC David Pace u dan bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat li tinsab a fol 73 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2006;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Mill-attijiet tal-kawza jirrizulta illi l-attur qed jitlob minghand il-konvenut, li kkommissjonah, il-hlas ta' somma bilancjali ghall-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet ta' riparazzjoni u modifikazzjonijiet strutturali f' fond ta' l-istess konvenut

gewwa H' Attard. F' din l-istess somma huma inkluzi wkoll l-ispejjez tal-materjal utilizzat f' dawn ix-xoghlijiet;

Kontra din il-pretensjoni, il-konvenut iddefenda ruhu b' dawn l-eccezzjonijiet:-

(i) il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

(ii) ix-xoghlijiet esegwiti ma sarux skond l-arti u s-sengha;

(iii) l-ammont reklamat huwa eccessiv. Jista' jizdied illi b' azzjoni separata (Citaz. Nru. 1052/95) il-konvenut ippretenda minghand l-attur ir-rizarciment tad-danni ghall-ezekuzzjoni hazina tax-xoghlijiet u ghar-ritard ingustifikat fl-istess ezekuzzjoni;

Fuq il-punt tal-preskrizzjoni opposta hu provvdut mill-Artikolu 2148 (a), Kodici Civili, senjalata mill-konvenut, illi "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu" jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar. Fir-rigward il-gurisprudenza interpretat din ix-xorta ta' preskrizzjoni bhala li tirreferi "*a crediti di artefici che prestano la loro opere*" u, allura, mhix applikabbli "*a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e per materiali da loro forniti.*" Fejn jitratta minn krediti li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol (*opus*), minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet, il-preskrizzjoni applikabbli mhix dik annoverata taht l-Artikolu 2148 (a) izda taht dispost differenti tal-ligi, li hawnhekk ma giex citat. Ara f' dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet "**Tommaso Pace *nomine* -vs- Salvatore Muscat**", Appell Inferjuri, 18 ta' Marzu 1929 u "**Domenico Bezzina *proprio et nomine* -vs- John Said**", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Marzu 1958;

Fil-kaz in ezami huwa distingwibbli mill-provi illi l-kontrattazzjoni mal-konvenut kellha, b' oggett, l-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet determinati ta' tiswija u ta' alterazzjonijiet taht id-direzzjoni ta' persuna inkarigata mill-konvenut u ghall-prezz, li ghalkemm ma kienux *a priori* appattwit, kien inklusiv tax-xiri ta' materjal u tal-margini ta' profitt (ara dokument a fol. 6 tal-process). Din il-karatteristika tal-prestazzjoni u tal-ftehim ma tqieghedx il-kreditu pretiz taht il-preskrizzjoni invokata u din allura qed tigi respinta;

B' introduzzjoni ghat-tieni eccezzjoni hu principju ben konsolidat f' materja ta' appalti jew ta' lokazzjonijiet ta' opra illi min hu mqabbad jesegwixxi x-xoghol hu tenut li josserva r-regoli ordinarji tas-sengha u ta' l-arti, u li jadotta dawk il-prestazzjonijiet okkorrenti ghal liema hu mahsub il-ftehim, jew kif xort' ohra desumibbli mill-iskop ghal liema x-xoghlijiet kienu intizi. Ara, a propositu, is-sentenzi riportati a **Vol. XXV P I p 727**, **Vol. XXVII P I p 374** u **Vol. XL P I p 485**. Fin-nuqqas ta' l-osservanza ta' dawn l-istess regoli, u verifikat li x-xoghlijiet minnu maghmula ma humiex ezenti minn difetti u difformita` fl-ezekuzzjoni, huwa jitqies inadempjenti ghal daqshekk u jkollu jwiegeb anke ghad-danni *di fronte* ghal min inkarigah skond il-principju generali tad-dritt dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet taht il-Kodici Civili. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P III p 883**. Naturalment, tali verifika trid tirrizulta minn accertamenti teknici tal-materji, kif hekk sar ukoll fil-kaz prezenti mill-espert tekniku nominat mill-Qorti;

Issa fuq l-opinjoni valutativa tieghu u ta' dik il-konoxxenza teknika maghrufa, li biha hu dotat il-perit relatur, jirrizulta illi l-ilmenti denunzjati mill-konvenut dwar in-non-konformita tax-xoghlijiet esegwiti mar-regoli suddetti, ma ghandhom ebda fondament. Tant li skond il-perizja x-xoghlijiet kienu ghadhom *in situ* u ma gewx sostitwiti mit-terz appaltatur li tqabbad mill-konvenut ghall-ikkompletar tax-xoghlijiet inizzjati mill-attur. Fil-kuntest il-perit tekniku,

fuq id-dikjarazzjonijiet tax-xhud Nazzareno Agius (fol. 143) u kuntrattur sostitutiv, irrileva li ma kienx hemm l-imperfezzjonijiet illanjati. Wiehed ghandu ragonevolment jissupponi illi kieku dawn kienu jezistu, ix-xhud imsemmi kien certament, fuq il-kompetenza tieghu, igibhom a konjizzjoni tal-konvenut, u anke jissuggerilu r-rimedji opportuni. Dan f' dan il-kaz ma jirrizultax li sar hekk. Kif lanqas, *del resto*, ma jidher illi fil-mument tad-determinazzjoni ta' l-appalt u ta' l-affidament tal-kumplament tax-xoghlijiet lit-terzi, il-konvenut, b' xi mod, indika lill-attur illi kien qed jirrizerva d-dritt tieghu ghad-danni ghal fatt li x-xoghlijiet ma kienux skond l-arti u s-sengha. Pjuttost, il-fatti donnhom jissuggerixxu illi tali dritt gie biss ezercitat b' rejazzjoni ghat-talba ghall-hlas;

Eskluz mill-perizja l-ezistenza ta' vizzji fix-xoghlijiet, il-qaghda tinkwadra ruhha f' dik li timponi fuq il-konvenut kommittent l-obbligu tal-pagament tax-xoghlijiet skond il-kont ipprezentat lilu. Anke hawn, pero`, kif rifless mit-tielet eccezzjoni, il-konvenut jissolleva kontroversja fuq l-ammont mitlub. Ghal dan twiegeb ukoll il-perizja b' dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) Il-prezzijiet stabbiliti mill-attur fit-tieni kont, mertu ta' l-istanza, jikkorrispondu ghal dawk tal-prezzijiet indikati fl-ewwel kont, accettat u saldat mill-konvenut;

(ii) Ma hemmx lok ghal varjazzjoni fir-rati u prezzijiet ta' dawk in-xoghlijiet l-ohra li bhalhom ma kienx hemm fl-ewwel kont;

(iii) In-natura tax-xoghlijiet in kwestjoni huma meqjusa bhala *labour intensive* u, in kwantu tali, ma kien hemm xejn straordinarju illi l-element tal-*labour charges* jifforma l-maggoranza tas-somma mitluba;

Fil-presenza ta' dawn l-osservazzjonijiet, akkoppjat mal-konsiderazzjoni illi ma ntalbet ebda perizja perizjuri, u lanqas gie eskuss il-perit jew sottomessi pariri teknici kuntrarji, il-Qorti ma thossx li tista' tiddeklina li taccetta l-

konkluzjoni teknika tal-perit gudizzjarju taghha fuq il-punt kontrovers, hekk sostenuta minn deduzzjonijiet objettivi u logici tal-materja. Anke allura t-tielet eccezzjoni qed tigi skartata bhala insostenibbli;

Qabel ma taghlaq hemm punt iehor x' jigi kkunsidrat. Kif gja nghad il-kawza odjerna u dik l-ohra per Citazzjoni Numru 1052/95 kienu mexjin flimkien. F' din l-ahhar kawza l-konvenut, attur fiha, talab id-danni mhux biss ghad-difetti mix-xoghlijiet izda ukoll ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni taghhom. Ta' min josserva l-ewwelnett illi l-atti attendibbli mkien ma juru illi ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet kien gie anticipitament akkordat xi zmien ghalihom. La ma kienx hemm durata specifika ta' zmien ghall-adempiment dan jimporta li l-attur kien liberu li jirregola hu r-ritmu tax-xoghlijiet, ammenokke ma jkunx jirrizulta li gie mqieghed *in mora* b' interpellazzjoni gudizzjarja. Ara artikoli 1077, 1078 u 1130 tal-Kodici Civili, **Kollez. Vol. XLIII P III p 846** u **Vol. XLV P III p 820**. L-ewwel att gudizzjarju li jidher li sar mill-konvenut kienet l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Ottubru 1994 meta allura hu kien diga` inkariga lil terzi (10 ta' Marzu 1994 - Dok. NS2) biex jikkompletaw l-appalt. Minn dan il-punto di vista ma jistax ghalhekk jinghad li l-attur kien f' xi ritard legali.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet kollha sollevati, u bl-adozzjoni tal-perizja, tilqa' t-talba ta' l-attur kif premessa fic-citazzjoni u, konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, oltre l-imghaxijiet mit-23 ta' Settembru 1994 (data ta' l-ittra ufficjali), is-somma bilancjali ta' erbat elef disa' mija u sitt liri Maltin, tlieta u hamsin centezmu (Lm4906.53) ghal xoghlijiet ta' appalt esegwiti mill-attur fuq inkariku ta' l-istess konvenut. L-ispejjez gudizzjarji kollha ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------